

Brussell, 12 ta' Ġunju 2019  
(OR. en)

10274/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0131(NLE)**

---

**COEST 144**  
**WTO 166**  
**VETER 33**

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Ġunju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 268 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 268 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 268 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.6.2019  
COM(2019) 268 final

2019/0131 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra (il-“Ftehim ta' Assoċjazzjoni”), li jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Profonda u Komprensiva, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, fost l-oħrajn, jistabbilixxi termini preferenzjali għal kummerċ bilaterali tal-prodotti.

Minn nofs l-2016, fl-UE bdiet tiġi importata qatgħa tat-tjur mill-Ukrajna fi kwantitajiet li qed jiżdiedu. Din il-qatgħa ġdida tikkonsisti minn sidra tradizzjonali bl-umeru tal-ġwenħajn imqabbad, fejn tal-aħħar jiffirma parti żgħira ħafna mill-piż totali tal-qatgħa. Wara trasformazzjoni minima, din il-qatgħa tista' tiġi kkummerċjalizzata fl-UE bħala sidra tat-tjur. Iż-żieda rapida f'importazzjonijiet ħielsa mid-dazju ta' din il-qatgħa tat-tjur partikolari, li la kienet teżisti waqt in-negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u lanqas ma kienet prevedibbli, timmina l-protezzjoni prevista għas-sidra tat-tjur skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u tista' tfixkel il-bilanċ delikat tas-suq tal-laħam tat-tjur tal-UE. Fl-20 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Ukrajna bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni billi jiġu emendati l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

In-negozjati saru bejn id-29 ta' Jannar u t-22 ta' Frar 2019 u ġew konklużi fid-19 ta' Marzu 2019. Il-ftehim jikkonsisti fl-integrazzjoni taż-żewġ linji tariffarji NM 0207 13 70 u 0207 14 70 fil-kwota tar-rata tariffarja eżistenti (TRQ) ta' attwalment 18 400 tunnellata u żieda għal 20 000 tunnellata fl-2021 (Numru tal-Ordni 09.4273) waqt li d-daqs tat-TRQ se jiżdied b'50 000 tunnellata. L-importazzjonijiet taħt il-linji tariffarji NM 0207 13 70 u 0207 14 70, li jeċċedu t-TRQ, imbagħad ikunu suġġetti għar-rata ta' dazju tal-Aktar Nazzjon Favorit ta' EUR 100,8/100 kg piż net.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tistabbilixxi ambjent kummerċjali stabbli u prevedibbli għas-settur tal-laħam tat-tjur u tiżgura żieda raġonevoli u meqjusa fil-kummerċ mal-Ukrajna. Dan huwa konformi mal-objettiv tal-kummerċ ħieles u ġust kif imsemmi fl-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-objettiv ta' żvilupp armonjuż tal-kummerċ dinji skont l-Artikolu 206 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-objettivi deskritti hawn fuq huma konsistenti mal-Politika Agrikola Komuni, u b'mod partikolari mal-objettivi tagħha skont l-Artikolu 39 tat-TFUE li jinkludu l-istabbilizzazzjoni tas-suq.

### 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fl-oqsma tal-kompetenza esklużiva tal-UE. Il-politika kummerċjali komuni hija mniżżla fost l-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni fl-Artikolu 3 tat-TFUE. Din il-politika tinkludi n-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali, inter alia skont l-Artikolu 207 TFUE.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Emenda tar-rati tariffarji u tal-konċessjonijiet tal-kwota tariffarja għal laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni hija tabilħaqq l-uniku mod biex tintlaħaq soluzzjoni għall-problema enfasizzata hawn fuq u biex jinkiseb l-oġettiv ta' din il-proposta.

- **Għażla tal-istrument**

Deċizzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post / kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni ġiet infurmata minn diversi partijiet ikkonċernati, speċjalment mis-settur tal-laħam tat-tjur Ewropew, dwar it-tħassib tagħhom dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' din il-qatgħa tat-tjur ġdida, primarjament sidra tat-tjur mill-Ukrajna. Il-Kummissjoni segwiet mill-qrib l-importazzjonijiet ta' laħam tat-tjur mill-Ukrajna u analizzat bir-reqqa l-argumenti tal-partijiet ikkonċernati dwar din il-kwistjoni partikolari.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni kienet f'kuntatt ma' diversi partijiet interessati li taw il-fehmiet tagħhom dwar tħassib speċifiku tal-aċċess għas-suq fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' laħam tat-tjur mingħajr dazju mill-Ukrajna.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta mhijiex appoġġata minn valutazzjoni tal-impatt. Kif spjegat fit-taqsimha "Raġunijiet u għanijiet tal-proposta", l-importazzjonijiet ta' qatgħat ġodda mingħajr dazju qed jiżiedu b'pass mgħaġġel. Peress li tali importazzjonijiet mhumiex suġġetti għal restrizzjonijiet kwantitattivi, dawn jistgħu, jekk ir-reġim kummerċjali tagħhom ma jinbidilx, jimminaw il-protezzjoni prevista għas-sidra tat-tjur fil-forma ta' TRQs skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u konsegwentement ifixklu l-bilanċ delikat fis-suq tal-laħam tat-tjur tal-UE. Għaldaqstant trid tinstab soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni b'mod urġenti. Il-Kummissjoni rċeviet bosta mistoqsijiet bil-miktub mingħand Membri tal-Parlament Ewropew u mingħand is-settur tal-laħam tat-tjur Ewropew, li fihom intalbu miżuri għas-soluzzjoni tal-problema.

Il-valur tal-importazzjonijiet fl-UE taħt iż-żewġ linji tariffarji NM 0207 13 70 u 0207 14 70 fl-aħħar snin kalendarji sħaħ 2016 u 2017 b'kollox laħaq EUR 43,9 miljun. Dan jikkorrispondi għal 23,9 % tal-importazzjonijiet totali ta' laħam tat-tjur fl-UE mill-Ukrajna fl-2016 u l-2017 u jirrappreżenta 1,1 % tal-importazzjonijiet totali ta' laħam tat-tjur fl-UE mill-

pajjiżi terzi kollha f' dawk is-sentejn kalendarji. Fl-2018, il-valur tal-importazzjoni laħaq EUR 91.4 miljun.

Il-proposta tikkonsolida l-importazzjonijiet mingħajr dazju attwali skont il-kodiċijiet tariffarji NM 0207 13 70 u 0207 14 70 “tnaqqis ieħor frisk jew iffriżat” fil-kwota tar-rata tariffarja eżistenti għall-importazzjonijiet tat-tjur mill-Ukrajna u ddaħħal mill-ġdid id-dazju tal-Aktar Nazzjon Favorit għal dawk iż-żewġ linji tariffarji. Dan ifisser li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni se jstabbilizza l-importazzjonijiet eżistenti tal-UE ta' laħam tat-tjur mill-Ukrajna u mingħajr l-ebda konsegwenzi ulterjuri fil-kummerċ bilaterali.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Mhix rilevanti

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta mhix se jkollha konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT**

Il-proposta mhu se jkollha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE fil-forma ta' dazji doganali predeterminati.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-ewalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur minn pajjiżi terzi.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Tip ġdid ta' qatgħa tat-tjur jikkonsisti minn sidra tradizzjonali bl-umeru tal-ġwenħajn imqabbad u, wara trasformazzjoni minima fl-Unjoni, tista' tiġi kkummerċjalizzata fl-Unjoni bħala sidra tat-tjur. Għaldaqstant, hemm ir-riskju li importazzjonijiet mingħajr limitu ta' daww il-qatgħat li l-importazzjonijiet tagħhom mill-Ukrajna laħqu 55 500 tunnellata fl-2018 jimminaw il-kundizzjonijiet li fihom il-qatgħat tradizzjonali tas-sidra tat-tjur jistgħu jiġu importati fl-Unjoni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet kwantitattivi fil-forma ta' kwota tariffarja.
- (3) Fl-20 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Ukrajna bil-ħsieb li jiġu emendati l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fid-19 ta' Marzu 2019. Għalhekk, il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur previsti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ("il-Ftehim") għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (4) Sabiex jiġi eliminat malajr ir-riskju ta' importazzjonijiet bla dazju potenzjalment mhux limitati ta' dawn il-qatgħat tat-tjur, il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod provviżorju,

---

<sup>1</sup> ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għall-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur previsti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ("il-Ftehim"), huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim li jrid jiġi ffirmat huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jstabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-persuna/i indikata/i min-negozjaturi tal-Ftehim biex tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-wasla għand id-Depożitarju ta':

- in-notifika tal-Unjoni dwar it-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal din il-fini; kif ukoll
- in-notifika tal-Ukrajna dwar it-tlestija tar-ratifika skont il-proċeduri u l-leġislazzjoni applikabbli tagħha,

liema minnhom ikun l-aktar tard, sakemm jidħol fis-seħħ.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*